**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-13 t'April 2016

Talba Numru: 840/2015

Numru fuq il-Lista: 24

**Vodafone Malta Limited**
(C10865)

**vs.**

**Streamlogue Operations Limited**
(C56755)

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-23 t'Ottubru 2015, li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' tlett'elef, ħames mija u tnejn u tmenin Ewro (€3,582), liema ammont huwa in

konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni u prodotti mogħtija mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ tlett’elef, ħames mija u tnejn u tmenin Ewro (€3,582), bl-imgħax legali dekorribbli mit-23 ta’ Ottubru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur